MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 21 ta' Novembru, 2017

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1475/17LM

**Avv. Joseph M. Sammut (K.I. 430083M) bin Carmelo Mario u Dorothea *née* Darmanin imwieled il-Kanada u residenti ż-Żurrieq**

***vs.***

**Dix Theodore Arthur (K.I. 473800L) bin Mario Francis u Felicity Anne imwieled l-Ingilterra u residenti Valletta**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrent **Avv. Joseph M. Sammut** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li ġie ppreżentat fil-11 ta' Ottubru, 2017, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżżomm l-intimat milli:*

*bi kwalunkwe mod l-intimat, personalment jew permezz ta' aġenti tiegħu:*

*(a) jaċċedi fuq il-bejt tal-kamra immarkata bil-kulur isfar fuq il-pjanta hawn annessa*[1]*;*

*(b) milli jkompli bix-xogħol, depożitu u installazzjoni tal-kompressuri tal-arja kondizzjonata fuq il-bejt tal-kamra immarkata bil-kulur isfar;*

*(c) milli jkompli jgħaddi katusi u installazzjoni tal-istess mas-sistema tad-drenaġġ minn fuq l-arja proprjetà tal-esponenti immarkata bil-kulur blu*[2] *fuq il-pjanta hawn annessa;*

*(d) milli jitfa' jew jippermetti li jitfa' skart, hu ta' liema xorta li jkun, sew fuq il-bejt immarkat bil-kulur isfar jew fil-bitħa immarkata bil-kulur roża fuq il-pjanta hawn annessa,*

*stante illi l-area kollha inkluż l-arja huma proprjetà esklussiva tar-rikorrenti.*

*Illi l-esponenti huwa l-proprjetarju tal-fond internament immarkat bin-numru wieħed (1) formanti parti minn korp ta' bini uffiċjalment immarkat bin-numru ħdax (11) fi Triq San Duminku il-Belt Valletta kif ukoll tal-arja sovrastanti l-kamra markata bil-kulur isfar fuq il-pjanta hawn annessa u markata Dok. A*[3] *hija mibnija fuq proprjetà tal-esponent u l-arja fuq l-istess hija wkoll proprjetà tal-esponenti.*

*Illi l-intimat huwa l-proprjetarju tal-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) sovrastanti in parti l-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1).*

---

[1] *A fol.* 6.
[2] *Ibid.* L-parti mmarkata bl-isfar hija l-arja tal-bejt ta' uffiċċju terran u l-arja mmarkata bil-blù hija l-istess arja u arja ta' bitħa adjaċenti mal-istess uffiċċju.
[3] *A fol.* 6.

*Illi qabel l-intimat xtara u akkwista l-fond immarkat bin-numru tnejn (2), dan kien detenut b'titolu ta' kera mill-konjuġi Dimech li kienu żewġ persuni anzjani li, minħabba kondizzjonijiet ta' saħħa, rari kienu joħorġu mill-appartament tagħhom u li għalhekk kienu talbu lill-esponenti permess sabiex tieqa li kellhom jikkonvertuha f'bieb sabiex jiksbu aċċess u jagħmlu użu mill-bejt tal-kamra immarkata bil-kulur isfar.*

*Illi l-esponenti b'sens ta' mera tolleranza, buon viċinat u aktar b'sens umanitarju, kien aċċetta u ta l-kunsens tiegħu liema kunsens kien soġġett għal diversi kundizzjonijiet u dan kif jirriżulta mill-kopja ta' skrittura privata hawn annessa u markata bħala Dok.B.*[4]

*Illi tul dawn l-aħħar xhur, l-intimat eżegwixxa diversi xogħlijiet ta' rinnovar fl-appartament numru tnejn (2) u fost dawn ix-xogħlijiet, mingħajr il-kunsens u l-permess tal-esponent, huwa fetah twieqi, li ser ikunu l-mertu fl-azzjoni li ser tkun qegħda tiġi ppreżentata fil-ġranet li ġejjin, għal fuq l-arja proprjetà tal-esponenti, ħareġ drains tal-air-condition sabiex jesporġu u jiddepożitaw ilma ħażin għal fuq il-proprjetà tal-esponenti, fetaħ toqob fil-ħitan li jagħtu sew għal fuq il-bitħa immarkata bil-kulur roża u l-bejt tal-kamra immarkata bil-kulur isfar, it-tnejn immarkati bil-kulur blù, proprjetà tal-esponenti sabiex minnhom joħroġ diversi pipijiet tal-ilma u katusi tad-drenaġġ u dderiġa diversi pipijiet tal-arja kondizjonata sew mill-fond numru tnejn (2) kif ukoll minn fuq l-arja tal-esponenti bil-għan li jpoġġi u jinstalla kompressuri fuq il-bejt tal-kamra immarkata bil-kulur isfar.*

*Illi di più, l-intimat tefa' u ddeposita kwantità ta' debris fuq il-bejt tal-kamra immarkata bil-kulur isfar bil-konsegwenza illi dan beda jżomm l-ilma u konsegwenza ta' hekk saret ħsara strutturali fl-istess saqaf.*

*Illi dan kollu l-intimat għamlu ad insaputa, bil-moħbi, mingħajr il-kunsens tal-esponenti u b'mod klandestin.*

*Illi dawn ix-xogħlijiet kollha qegħdin jilledu* (recte) *d-dritt ta' proprjetà tal-attur billi qed jassoġġetawha għal twaqqigħ ta' ilma u materjal li mhuwiex*

[4] Li però għalkemm ma kinitx annessa mar-Rikors promotur, ġiet sussegwentement ippreżentata b'nota fit-13 ta' Novembru, 2017 u tinsab *a fol.* 50 u 51 tal-proċess.

*naturali, qed jiġi aggravat is-servitù ġjà eżistenti u di più, stante illi l-fond numru wieħed ġjà għandu problema ta' umdu, id-depożitu ta' ilma direttament fil-bitħa ser jagħmilha impossibbli illi f'xi perijodu tas-sena l-btieħi jkunu niexfa b'mod li indubjament ser ikunu qed inaqqsu fil-valur tal-proprjetà u jillimitaw bil-kbir il-godiment ta' dritt ta' proprjetà mill-attur.*

*Illi għad li l-intimat ġie informat bl-istat tal-fatti sovra indikati u mitlub ireġġa' kollox għall-istat pristin tiegħu u jerġa' jikkonverti l-bieb fuq il-bejt tal-kamra bil-kulur isfar f'tieqa kif oriġinarjament kien, għad li rikonoxxa d-dritt ta' proprjetà tal-esponenti, huwa baqa' inadempjenti.*

*Illi għalhekk, l-urġenza u neċessità li din it-talba tiġi akkolta, hija ta' importanza massima stante illi bl-aġir tiegħu, l-intimat qiegħed jikkawża ħsara u jippretendi li jagħmel użu mill-istess proprjetà tal-esponenti għad li jaf li ma għandu l-ebda dritt milli jagħmel dan.*[5]

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2017 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat Theodore Arthur Dix ġie notifikat bir-rikors fis-27 ta' Ottubru, 2017.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Theodore Arthur Dix** (minn issa 'l quddiem "l-intimat"), ippreżentata fis-27 ta' Ottubru, 2017 fejn ġie eċċepit:

[5] B'nota tar-rikorrent ippreżentata fit-23 ta' Ottubru, 2017, ġew esebiti tmien ritratti li juru x-xogħlijiet li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrent, *a fol.* 9, 10A, 10B u 11 sa 15.

1. *Illi huwa ben stabbilit li sabiex jista' jinkiseb il-ħruġ ta' Mandat (ta' Inibizzjoni), iridu jissussistu <u>flimkien</u> dawn ir-rekwiżiti:*

    i. *Il-jedd prima facie tar-rikorrent;*
    ii. *Il-ħtieġa għar-rikorrent li l-ħruġ tal-Mandat se jservi għat-tħaris tal-jedd;*
    *u*
    iii. *Il-preġudizzju tar-rikorrent.*[6]

    *Dawn ir-rekwiżiti ser jiġu kkunsidrati brevement bil-mod segwenti:-*

***(i) <u>Dwar il-jedd prima facie tar-rikorrent</u>***

2. *Illi kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fl-ismijiet* ***Grech pro et noe vs. Manfré*** *(**14.7.1988**) dwar "il-jedd prima facie":-*

    *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

3. *Illi bid-dovut rispett, bl-ebda mod ma jista' jingħad illi r-rikorrent ssodisfa dan ir-rekwiżit kruċjali u fondamentali għas-suċċess ta' mandat kawtelatorju bħal dan. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova, anke jekk prima facie, it-titolu li huwa jsostni li għandu fuq il-bejt u/jew l-arja in kwistjoni. Madankollu, huwa naqas li jeżebixxi xi kuntratt jew atti oħra in sostenn ta' dan il-"jedd" illi huwa jippretendi li għandu;*

4. *Illi minn riċerki li għamel l-esponent, jirriżulta illi t-titolu tar-rikorrent huwa proprju s-segwenti:-*

    *"...l-appartament żgħir konsistenti* ***<u>f'żewġt ikmamar u kamra tal-banju,</u>*** *internament innumerat wieħed (1), fi blokk ta' appartamenti numru ħdax (11) fi Triq San Duminku, il-Belt Valletta, liema appartament soġġet ta' dan l-att jinsab fil-pjan terran, bħala liberu u frank,* ***<u>bil-komunjoni mal-appartamenti l-</u>***

---

[6] *Mandat Inib. 843/2015/1 JZM fl-ismijiet* ***Dr. Christopher Zarb vs. Anna Agius****, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju, 2015.*

***ohra tal-istess blokk*** *tal-proprjetà tal-intrata, taraġ tal-bejt u l-bejt (ara l-kuntratt ta' bejgħ datat it-2 ta' Ġunju 1998, atti tan-nutar Mark Anthony Sammut, hawn anness u mmarkat "Dok. TD1"[7]).*

*L-istess deskrizzjoni tinsab fil-kuntratt tal-akkwist tal-awtur fit-titolu tar-rikorrenti (ara l-kuntratt ta' bejgħ datat it-30 ta' Gunju 1995, atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, hawn anness u mmarkat "Dok. TD2"[8]).*

5. *Illi għaldaqstant, minn imkien ma jirriżulta li r-rikorrent akkwista t-titolu sija tal-bitħa interna u sija l-arja tagħha li huma mertu ta' dan il-mandat. Lanqas ma jista' jingħad illi, għax ir-rikorrent ikkostruwixxa kamra f'din il-bitħa, huwa akkwista b'xi mod l-arja tagħha, tgħid x'tgħid l-iskrittura privata illi huwa għamel mal-okkupanti (inkwilini) li kienu jirrisjedu fil-fond tal-esponent.*

6. *Konsegwentement ma jistax jingħad illi l-istess rikorrenti, allura, issodisfa dan ir-rekwiżit tant essenzjali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

***(ii) Dwar il-ħtieġa għar-rikorrent li l-ħruġ tal-Mandat se jservi għat-tħaris tal-jedd u l-preġudizzju***

7. *Illi kif intqal fil-provvediment sopra ċitat fl-ismijiet* ***Dr. Christophet Zarb vs. Anna Agius:***

*"Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Fil-provvediment tagħha tat-18 ta' Diċembru, 2009 fl-atti tar-rikors Nru. 1935/09 fl-ismijiet* ***Ohanebo et noe vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija*** *din il-Qorti (PA/JRM) ippronunzjat ruħha hekk –*
*Tqis li l-ħtieġa ta' Mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilmenta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew il-ħsara lamentata jista' jitneħħa, mqarr*

[7] *A fol.* 22 sa 27.
[8] *A fol.* 28 sa 30.

*b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

8. *Illi huwa loġiku li la darba r-rikorrenti ma għandu l-ebda jedd, lanqas prima facie, ma hemm xejn li huwa meħtieġ li jitħares. F'kull każ, iżda assolutament mingħajr ebda preġudizzju għal premess, l-esponent umilment iqis illi r-rikorrent lanqas ma pprova x-xorta tal-preġudizzju huwa allegatament ser isofri.*

9. *Illi l-esponent ma huwiex beħsiebu jagħmel ebda xogħlijiet fuq is-saqaf/bejt in kwistjoni. L-esponent irid biss jgħaddi katusi tad-drenaġġ mal-ħitan diviżorju u komuni sabiex dawn eventwalment jinfdu mas-sistema tad-drenaġġ **komuni** li tinsab fil-bitħa **komuni**. Fil-fatt jingħad fil-kuntratt tal-akkwist is-segwenti:-*

   *"The said property enjoys the active rights and is subject to the passive servitudes resulting from its physical condition in the said block, and otherwise the said property is free and unencumbered, free from the obligation of paying any ground-rent and shall be trasferred with all its rights and appurtenances, which include the ownership of the common parts of the block which include the entrance, the entrance hall, the staircase, the stairwell, **drains and dainage system** and in general all those parts and services of the block commonly destined for the common use and **utility of the co-owners of the block**. The Purchaser shall own an undivided share of the roof and airspace of the block." (ara kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-esponent datat is-7 ta' Awwissu 2015, atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, hawn anness u mmarkat "Dok. TD3"[9])*

10. *Illi r-rikorrent irid li effettivament jinibixxi għal kollox il-jedd tal-esponenti li jutilizza is-sistema tad-drenaġġ komuni għaliex, skontu, kemm-il bitħa u l-arja kollha hija proprjetà esklussiva tiegħu. Dan ifisser illi huwa jrid iċaħħad għal kollox lill-esponenti mill-jeddijiet tiegħu ta' komunanza ta' dawn l-istallazzjonijiet u jħallih mingħajr mogħdija tad-drenaġġ.*

[9] *A fol.* 31 sa 39 , bl-estratt ikkwotat jinstab *a fol.* 35.

11. *Illi fir-rigward tal-kompressuri tal-air condition jingħad illi l-esponenti irid iqiegħed l-istess ukoll mal-ħajt ta' terzi u mhux mal-art tas-saqaf/bejt li r-rikorrent qiegħed jallega li hija tiegħu. Lanqas ma huwa ser iħalli l-ebda ilma iċarċar fuq il-bejt ta' din il-kamra il-għaliex illum jeżistu mezzi ta' piping adegwat biex l-ilma li jinqabad minn air condition jgħaddi dirett għal ġos-sistema appożita tad-drenaġġ. F'dan ir-rigward huwa utli li jiġi mfakkar li "...l-jedd li jeħtieġ jitħares* ***mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib.***"[10]

12. *Illi oltre minn hekk, u dan qed jingħad assolutament mingħajr ebda preġudizzju għal premess, hija ġurisprudenza konkordi illi "il diritto del proprietario modernamente concepito ha perduto quel carattere di astratta assolutezza che lo rappresentava, in antico, 'usque ad inferos et usque ad sidera.' Il contenuto del diritto del proprietario del suolo con riguardo al sottosuolo e allo spazio sovrastanti si considera oggi strettamente connesso ad una valutazione concreta degli interessi alla rispettiva utilizzazzione e in special modo alla esclusione dell'attività dei terzi in quegli spazi." –* ***Commentario breve al Codice Civile – Cian u Trabucchi****, Sesta Edizione, CEDAM, 2002). Tali konsiderazioni waslet biex induċiet kemm lill-Qorti ta' Kassazzjoni fl-Italja kif ukoll lil ċerti trattisti fuq is-suġġett biex jirritjenu illi wieħed ma jistax jinnega jew iċaħħad ċertu attività kompjuta fl-ispazju vantat, u mil-liġi preżunt, meta din ma tkunx dannuża għal fond jew għad-drittijiet proprjetarji. Kollox jiddependi minn evalwazzjoni tal-każ partikolari. (****George Mifsud et vs. Raymond Vella et, PAQC, 16 ta' Ġunju, 2003****).*

13. *Illi ma jistax ma jiġix umilment rilevat il-fatt illi r-rikorrent ilu sa minn Novembru 2016 (circa) jitlob il-flus mill-esponent biex "jakkwista" l-arja in kwistjoni – arja li kif rajna ma tirrijentrax fit-titolu tar-rikorrent bl-ebda mod u manjiera. Illi l-esponent ilu żmien twil, u bir-raġun, jitlob mir-rikorrent prova tat-titolu minnu pretiż fuq il-bitħa u l-arja tagħha, iżda din il-prova qatt ma ngħatat lilu. L-aħħar somma li talbu lir-rikorrent kienet dik ta'*

---

[10] *Ara Inib. 712/2016 LM* ***Flimkien għal Ambjent Aħjar vs. Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar*** *(PAQC 12.05.16). L-esponenti jirreferi wkoll għall-provvedimenti mogħtija fl-ismijiet* ***Angelo Joseph Said vs. Ronald Said*** *(Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) datata 8 ta' Marzu, 1968) fejn intqal li: "Il-mandati kawtelatorji, appuntu għaliex isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjonijiet għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u d-disposizzjonijiet tal-liġi dwarhom għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża"; u* ***Angelo Xuereb vs. Marin Hili,*** *Inib. 3154/94 fejn l-allura Qorti tal-Kummerċ kienet qalet li "dan il-mandat (ta' inibizzjoni)...huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali."*

*€35,000, żieda ta' €15,000 mill-offerta oriġinali. Bid-dovut rispett, tali offerta apparti li hija infondata, twaqqa' għal kollox it-"tħassib" tar-rikorrent li huwa ser isofri xi ħsara mill-possibilità ipotetika ta' xi perkolazzjoni tal-ilma "mhux naturali".*

14. *Illi finalment l-esponent jirreferi wkoll għall-ittra legali responsiva datata it-28 ta' Settembru 2017 illi huwa bagħat lill-avukat Dottor Josephine Farrugia Mifsud (**Dok. TD4**[11]) wara li huwa kien irċieva ittra mir-rikorrent datata s-6 ta' Settembru 2017 (**Dok. TD5**[12]).*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti umilment iqis li (i) dan ir-rikors għandu jiġi miċħud; u (ii) li d-digriet provviżorju tal-11 ta' Ottubru, 2017 għandu jiġi revokat, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-mandat.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-13 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, 873, 875 u 876A.

[11] *A fol.* 40 u 41.
[12] *A fol.* 42.

Ir-rikorrent jgħid li huwa proprjetarju tal-fond internament immarkat bin-numru 1 fejn għandu tliet uffiċini formanti parti minn korp ta' bini uffiċjalment immarkat bin-numru 11 fi Triq San Duminku, il-Belt Valletta kif ukoll tal-arja sovrastanti l-kamra markata bil-kulur isfar fuq il-pjanta li tinsab *a fol.* 6 tal-proċess. Ir-rikorrent bil-ħruġ tal-Mandat irid jinibixxi lill-initmat biex ma jkomplix jaċċedi fuq il-bejt ta' din il-kamra, biex ma jkomplix bl-installazzjoni tal-apparat ta' arja kondizzjonata, biex ma jkomplix bl-istallazzjoni tal-katusi tad-drenaġġ fuq il-proprjetà tiegħu u biex ma jkomplix jitfa' skart fuq il-bejt u fil-bitħa tar-rikorrent.

L-intimat jikkontendi li ma jeżistux l-elementi għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni stante li r-rikorrent ma ppruvax *prima facie* it-titolu li huwa jsostni li għandu fuq il-bejt tal-imsemmija kamra u l-arja inkwistjoni, u l-ħruġ ta' tali mandat mhux ser iservi fi kwalunkwe każ għat-tħaris ta' tali pretensjoni ta' dritt u fi kwalunkwe każ ukoll tali preġudizzju li jista' jsofri r-rikorrent jekk ma jinħariġx il-mandat mhuwiex wieħed irrimedjabbli.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Mill-pjanta li kienet ġiet ippreżentata mir-rikorrent[13] meta kienet saret ir-regolarizzazzjoni tal-pjan terran minn użu residenzjali għal uffiċini, jirriżulta li l-pjan terran kien jikkonsisti f'intrata, taraġ li jagħti għall-

[13] *A fol.* 6

appartamenti ta' fuq, tliet (3) uffiċini, *toilet* u bitħa bejn tnejn mill-uffiċini. Mill-atti jirriżulta li l-intimat jikkonċedi li wieħed minn dawn l-uffiċini kien inbena mir-rikorrent f'parti minn dak li originarjament kienet bitħa.[14]

Ir-rikorrent isostni li t-tibdil minn tieqa għal bieb li jagħti għal fuq il-bejt tal-kamra mmarkata bil-kulur isfar fuq il-pjanta li tinsab esebita *a fol* 6, li kien sar mill-konjuġi Dimech, l-inkwilini preċedenti, biex dawn jiksbu aċċess u jagħmlu użu mill-bejt, kien sar fuq il-mera tolleranza tar-rikorrent bħala s-sid. Dan it-tibdil kien sar abbażi ta' skrittura privata[15] bejn ir-rikorrent u l-inkwilini mingħajr dritt ta' trasferiment lil terzi jekk mhux bil-kunsens tar-rikorrent, liema konċessjoni setgħet tiġi revokata f'kull ħin.

L-intimat Theodore Arthur Dix ippreżenta kopja tal-kuntratt tal-akkwist mill-awturi fit-titolu tar-rikorrent datat 30 ta' Ġunju, 1995[16] fejn il-proprjetà tal-fond terran inkwistjoni hi deskritta bħala żewġt ikmamar u kamra tal-banju u bil-komunjoni mal-appartamenti sovrastanti tal-intrata, it-taraġ tal-bejt u l-bejt. L-intimat ippreżenta wkoll kopja tal-kuntratt tal-akkwist mir-rikorrent datat 2 ta' Ġunju, 1998[17] b'deskrizzjoni identika tal-fond inkwistjoni, kif ukoll kopja tal-kuntratt tal-akkwist mill-

[14] Ara paragrafu 5 tar-Risposta tal-intimat *a fol.* 19: "Lanqas ma jista' jingħad illi, għax ir-rikorrent ikkostruwixxa kamra f'din il-bitħa, huwa akkwista b'xi mod l-arja tagħha...".
[15] A fol. 50 u 51
[16] *A fol.* 28 sa 30
[17] *A fol.* 22 sa 27

intimat tal-appartament sovrastanti datat 7 ta' Awwissu, 2015[18] fejn jissemma l-*co-ownership* tal-partijiet komuni, li kienu l-intrata, is-sala tal-intrata, it-taraġ, it-taraġ tal-bejt, *"drains and drainage system and in general all those parts and services of the block commonly destined for the common use and utility of the co-owners of the block. The Purchaser shall own an undivided share of the roof and airspace of the block."*

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi t-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni qiegħda ssir abbażi tal-artikolu 873 tal-Kap. 12.

Tqis illi ai termini tal-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet

[18] *A fol.* 31 sa 39

> tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*[19]*;*

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, l-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma jitqisux li huma irrimedjabbli meta *si tratta* ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont

[19] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40 Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[20]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn l-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

(3) Ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien.

---

[20] P.A., 13.05.2014.

Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[21] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm

[21] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hiex tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat.

> Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifsser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[22];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[23]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[24]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti sejra issa tqis kif dawn il-prinċipji legali elaborati mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna għandhom jiġu applikati għall-fattispeċi

[22] P.A., 25.01.2005.

[23] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[24] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A. kif hawn presjeduta, 27.12.16.

odjerni kif jirriżultaw mad-daqqa t'għajn u ser tikkonsidra l-ewwel, it-tielet rekwiżit fuq imsemmi tal-eżistenza tad-dritt *prima facie.*

Fl-ewwel lok kif diġà ngħad, skont l-insenjament kostanti tal-Qrati tagħna, ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.

Meta t-talba tar-rikorrent titqies fid-dawl tal-imsemmija rekwiżiti, huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min mill-partijiet għandu raġun fil-mertu, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Fuq kollox kif diġà intqal, il-fatt li din il-Qorti tilqa' it-talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li eventwalment l-konvenut ma jistax jipprova li fil-mertu għandu raġun hu u viċi versa. F'dan l-istadju dwar dan l-element tad-dritt irid ikun hemm sempliċement *fumus boni iuris,* il-probabbilità li hemm dritt. Fir-Risposta tal-intimat hemm l-ammissjoni li la l-bitħa u lanqas il-bejt tal-kamra inkwistjoni mhuma proprjetà tal-intimat. L-intimat isostni li huwa qed jeżerċita biss id-dritt li flimkien mas-sidien l-oħrajn tal-blokk juża l-partijiet komuni tal-blokk, inkluż l-użu id-drenaġġ. Fuq kollox l-intimat jikkontendi li r-rikorrent ma ppruvax *prima facie* it-titolu li suppost għandu fuq il-bitħa u fuq l-arja tal-kamra inkwistjoni, meqjus bħala neċessarju għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' argumentazzjoni tal-intimat u dan *stante* li jirriżulta mill-pjanta annessa mar-Rikors (*a fol.* 6) u dan lanqas mhu kkontestata mill-intimat, li l-bitħa inkwistjoni hi aċċessibbli biss mill-uffiċini tar-rikorrent fil-pjan terran. Huwa ammess ukoll mill-intimat li l-kamra bil-bejt inkwistjoni kienet inbniet mir-rikorrent f'parti mill-bitħa. Għalhekk tinħoloq il-preżunzjoni li l-imsemmija bitħa hija parti integrali mill-pjan terran. Mill-atti ma jirriżultax li *prima facie* ġiet imressqa xi prova kuntrarja għal din il-preżunzjoni. Fil-kuntratti tal-akkwist mir-rikorrent u mill-predeċessuri tiegħu fit-titolu, ma jirriżulta li hemm xejn x'jindika li l-bitħa hija prorpjetà komuni mas-sidien tal-proprjetajiet l-oħrajn fil-blokk, a kuntrarju tal-intrata, l-*entrance hall,* it-taraġ, it-taraġ tal-bejt u l-bejt tal-blokk. Teżisti wkoll il-preżunzjoni tal-*vertical ownership,* li kuntrarjament għal dak li qal l-intimat, din għadha teżisti sal-lum, għall-inqas bħala punt tat-tluq.

Fil-fatt fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Martin Paul Vella *et vs.* Christopher Micallef *et***[25]jintqal:

> "Każ simili għal dan hu dak deċiż minn din il-Qorti fil-kawża **Gauci *vs.* Saliba** fl-1 ta' Awwissu, 1966. F'dik il-kawża, l-attur kellu dar b'żewġ sulari u, f'okkażjoni minnhom, żamm l-ewwel sular għalih (li miegħu kien hemm bitħa) u biegħ lill-konvenut it-tieni sular bl-arja b'kollox. Il-konvenut ried jiżviluppa dik l-arja billi jibni sular ġdid. Dan seta' jagħmlu, iżda ġie mwaqqaf mill-attur milli jiftaħ aperturi ġodda għal fuq il-bitħa tiegħu. Din il-Qorti qablet mat-teżi tal-attur, u peress li l-

[25] Q.A., 30.05.2014.

liġi Maltija tadotta s-sistema ta' "*vertical ownership*", osservat li jekk il-konvenut ried jiżviluppa l-arja tiegħu u jiftaħ twieqi, kellu jiġbed il-ħitan lura b'mod li t-twieqi jiġu jagħtu għal fuq terrazzin tiegħu u b'distanza li trid il-liġi mill-ħajt diviżorju (Art. 443 tal-Kodiċi Ċivili). (Is-sentenza li kienet tat l-ewwel Qorti kienet ġiet revokata minn din il-Qorti fis-sentenza msemmija li enunċjat il-prinċipju fuq indikat).

Fil-kawża **Apap *vs.* Galea**, deċiża minn din il-Qorti fl-24 ta' Marzu, 1975, dan il-prinċipju ġie konfermat u ntqal li sid il-bitħa għandu l-proprjetà tal-arja sovrastanti, tant li l-proprjetarju tal-fond sovrastanti lanqas jista' jonxor mit-twieqi tal-fond tiegħu għal fuq il-bitħa ta' ħaddieħor mingħajr il-kunsens ta' dan! F'din il-kawża wkoll, il-konvenut ma tħalliex jiżviluppa l-arja tiegħu b'mod li jiftaħ twieqi ulterjuri fuq il-bitħa tal-attur.

Dan il-prinċipju ġie segwit f'kawżi oħra bħal **Galea *vs.* Micallef**, deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Ġunju, 1971, u ***Valletta vs.* Caruana**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Lulju, 1992. Fil-fatt, ġie deċiż ukoll li anke fejn l-arja ta' fuq il-bitħa tkun ġiet mibjugħa lill-proprjetarju tal-fond sovrastanti, dan ikun ifisser biss li għandu dritt jieħu l-arja u d-dawl bit-twieqi tiegħu, iżda mhux ukoll id-dritt ta' introspezzjoni ġol-fond ta' taħtu – **Buhagiar *vs.* Mallia**, deċiża minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1998. F'dan il-każ l-arja ta' fuq il-bitħa tal-atturi ma ġietx trasferita lill-konvenuti u dawn, għalhekk, mhux biss m'għandhom ebda dritt ta' introspezzjoni, iżda lanqas id-dritt li jiftħu twieqi jew aperturi għal fuq l-arja proprjetà tal-atturi. (ara wkoll **Arrigo Group of Hotels Ltd. *vs.* Vassallo**, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2011)."

Dwar din il-kwistjoni tal-*vertical ownership,* fis-sentenza fl-ismijiet **Herman Magro *et vs.* Mark Anthony Borg *et***[26] ġie spjegat illi:

[26] P.A., 23.01.2004.

> "Illi fir-rigward ta' ftuħ ta' twieqi fuq bitħa ta' ħaddieħor, illi hi timxi fuq il-presunzjoni stabilita fl-artikolu 323 tal-Kodiċi Ċivili. Għalkemm huwa minnu li, f'għadd ta' kawżi, tqanqlet il-kwestjoni spinuża ta' proprjetajiet ta' sidien differenti li jkunu fuq xulxin, xorta waħda jista' jingħad li din il-preżunzjoni għadha meqjusa bħala punt ta' tluq. It-tneħħija ta' tali preżunzjoni trid tiġi ippruvata kif imiss. Ingħad ukoll li s-sid ta' bitħa interna għandu l-proprjetà tal-arja ta' dik il-bitħa[27], u li għalhekk il-ftuħ ta' kull tieqa minn sid ta' xi beni sovrastanti li ma jkunx sar bi qbil ma' sid il-bitħa jew li ma jkunx ingħata espressament fit-titolu tal-akkwist, jikkostitwixxi servitù[28]."

Fl-aħħar nett intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Vella vs. John Galea et***[29] li:

> "Għar-rigward tal-*extension* innifsu, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li sid il-bitħa għandu l-propjetà tal-arja sovrastanti, u allura sid il-bitħa jista' jiżviluppa l-bitħa f'kamra għall-ħtiġijiet tiegħu. Bil-fatt li s-saqaf ta' din il-kamra, jiġi eżatt taħt tieqa tal-ġar, ma jkunx b'daqshekk qed inaqqas mid-dgawdija ta' servitù ta' prospett mill-istess ġar. Dan il-punt ġie diskuss mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Chetcuti *vs.* Agius**, deċiża fit-28 ta' Frar, 1997, li kien każ b'fattispeċje simili għall-meritu ta' dan il-każ. F'dik il-kawża, l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet li meta fond sottostanti jkollu jsofri s-servitù ta' tieqa mill-fond ta' fuq, huwa xorta jista' jibni kamra fil-bitħa taħt it-tieqa tal-ġar tiegħu, għax b'dan il-bini ma jkun bl-ebda mod qed inaqqas id-tgawdija tas-servitù tal-fond dominant."

*Multo magis* fir-rigward tal-bejt tal-kamra inkwistjoni tibqa' l-preżunzjoni li dan huwa proprjetà tar-rikorrent. Din il-preżunzjoni

---

[27] Ara P.A., (PS), 16.06.2003, **George Mifsud *et vs.* Raymond Vella *et***.
[28] Ara P.A., (TM), 09.10.2003, **Emanuel Vella *vs.* John Galea *et.***
[29] P.A., 09.10.2003.

ovvjament mhijiex waħda *juris et de jure* iżda *juris tantum* u jistgħu jitressqu provi kuntrarji fil-kors tal-kawża li tkun qed tittratta l-mertu. Però f'dan l-istadju din il-presunzjoni hija biżżejjed biex tistabbilixi *prima facie* il-jedd tar-rikorrent għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri.

Dwar l-element neċessarju l-ieħor, li jkun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk hemmx *periculum in mora*, ċjoè l-probabbilità u mhux il-mera possibbilità li bejn l-istituzzjoni tal-kawża fil-mertu u d-deċiżjoni tal-Qorti, tista' sseħħ xi ħaġa li tipperikola l-jedd tar-rikorrent.

> *"In primo luogo, occorre caratterizzare il periculum in mora da un punto di vista strutturale, atteso che la sua tralatizia definizione in termini di "pericolo da ritardo", lo individua unicamente dal punto di vista della funzione. Sul punto, l'analisi ha contribuito a far emergere una componente del periculum in mora che fino a pochi anni fa era rimasta in penombra; ci si riferisce, nella specie, alla necessità che il presupposto cautelare contenga in sè la valutazione della probabile futura lesione della situazione giuridica di vantaggio oggetto del processo, derivante da un'attuale (non solo ipotetica) esposizione ad un pericolo. In altre parole, il periculum in mora consiste in una relazione tra un evento (l'esposizione al pericolo) e un probabile danno; e ricorre tutte le volte in cui si ritenga che il diritto soggettivo che si assume leso sia esposto ad un pericolo di un danno futuro".*[30]

[30] RECCHIONI S., *voce Periculum in mora (nel processo cautelare civile), in Dig. disc. priv.,sez. civ., 3°agg., tomo II, Torino 2007, pp. 892-912; ID.,Il pericolo come elemento della fattispecie processuale cautelare. Parte I: il pericolo come relazione fra eventi, in Studi in onore di G. Tarzia, Milano 2005, pp.* 1431-1475.

Tqis li anki dan l-element ġie ppruvat li jissussisti tant hu hekk għalkemm l-intimat jgħid li fil-fatt mhux ser jagħmel *air-conditioners* fuq il-bejt tal-kamra, dawn ser jiġu installati fuq l-arja tal-istess kamra. Anke fir-rigward tat-tkomplija tax-xogħlijiet li l-intimat jinsisti li jista' jkompli jagħmel, dan jixhed li *prima facie* teżisti *periculum in mora.*

Tqis li ladarba l-elementi rikjesti għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi biex talba ta' din ix-xorta tkun tista' tintlaqa', il-Qorti għandha teżamina jekk jikkoeżistix ukoll element ieħor neċessarju, li l-ksur *prima facie* jkun wieħed irrimedjabbli. Tqis illi dan l-element ma ġiex ippruvat mir-rikorrent għax għad illi jista' jinħoloq inkonvenjent lir-rikorrent bix-xogħlijiet ippjanati li jsiru mill-intimat, dawn ċertament mhumiex ta' natura irrimedjabbli tant li dan l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu. Għaldaqstant jiġi nieqes dan ir-rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni stante li ma jirriżultawx l-elementi kollha rikjesti mil-liġi għall-ħruġ tiegħu.**

**Tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-11 ta’ Ottubru, 2017, sa fejn kienet laqgħet it-talba b’mod provviżorju.**

**L-ispejjeż ta’ din il-proċedura għandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

Mogħti kameralment illum, il-21 ta’ Novembru, 2017.